*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*

*Grezzju Azzopardi*

*u*

*Public broadcasting Services Limited (C13140)*

*Dwar allegat ksur ta' l-Art 27 tal-Kap 452 (dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali).*

*Kaz Nru 2368/JB*

*Decizjoni numru ___2190________*

*Illum 7 ta' Novembru, 2012.*

*Chairman Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li s-socjeta' intimata naqset fil-konfront tieghu milli tissalvagwardja id-dritt tieghu ghal istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali.

Illi s-socjeta' intimata irrispondiet billi eccepiet id-dekadenza tat-terminu sabiex ir-rikorrent ressaq l-ilment tieghu oltre li s-sitwazzjoni tal-intimat kienet gustifikata billi kienet rizultat ta' ristrutturar fl-azjenda.

Illi f' decizjoni moghtija fit- 13 ta' Lulju 2007, it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata. Illi b' sentenza moghtija fit- 28 ta' Novembru 2008, l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irrevokat l-istess decizjoni u rrimandat l-atti lil dan it-Tribunal biex jigi trattat fil-meritu.

**Provi**

Illi r-rikorrent xehed tramite zewg affidavits prezentati fis-17 ta' Ottubru 2008 u fid-9 ta' Marzu 2011. Huwa stqarr li tlett kollegi tieghu jaghmlu xoghol identiku ghal tieghu pero jidhlu ferm aktar minnu. Elenka d-differenza fl-introjtu.

Gew prodotti bhala xhieda Karmenu Vella, Ray Libreri, Costantino Abela, Andrew Psaila, Brian Galea u Michael Debono. Dan spjegaw li giet krejata anomalija fil-grad ta' Messenger/Driver/Handyman, fis-sens li r-rikorrent ma kienx qed jithallas bhal shabu l-ohrajn fl-istess grad meta kien qed jaghmlu l-istess xoghol.

## Konsiderazzjonijiet

Illi jigi rilevat 'ab initio' li hemm qbil totali fuq il-fatt li taw lok ghal din il-vertenza odjerna. Kien kagun ta' ristrutturar u riorganizzazzjoni li sehh fis-socjeta il-ftehim bejn il-principal u l-ghaqda sindakali li kienet tirraprezenta l-maggoranza tal-haddiema. Jirrizulta li tlett (3) haddiema partikolari gew assimulati fil-grad u job description tar-rikorrent pero' thallew igawdu ir-remunerazzjoni li kellhom a bazi ta' 'personal basis'. Huwa f' dan il-kuntest li jitratta l-ilment tar-rikorrent. Gew minn fejn gew il-kollegi tieghu, u liema kienu l-kondizzjonijjiet taghhom ir-rikorrent qed jaghmel l-istess xoghol taghhom, u huma tieghu.

Id-differenza tezizti unikament fl-introjtu. L-erba' impjegati gew assorbiti taht nomenklatura 'tradesman'.

Illi l-Art 27 tal-Kap 452 jistipula li impjegat fl-istess klassi ta' impjieg ghandu d-dritt ghall-istess rata ta' remunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali.

Illi ma giet invokata l-ebda raguni legali ghaliex dan l-istat ta' fatt kellu jibqa' isehh. Ma giex kontestat anzi gie konfermat li l-erba' impjegati kienu qed jaghmlu xoghol ta' valur ugwali. Mhux hekk biss izda r-rikorrent kellu kwalifika ta' sewqan ta' heavy vehicles li kienet konsiderazzjoni imposta fuq il-haddiema l-ohra biex igibu licenzja simili. L-unika gustifikazjoni mressqa mis-socjeta' intimata f' tali rigward kienet li t-tlett impejati l-ohra garrew maghhom il-kondizzjoni tar-remunerazzjoni 'on a personal basis'.

Jigi rilevat li tali gustifikazzjoni ma ssibx konfort fil-legislazzjoni taghna. Gie ritenut illi d-difiza ta' genuine material factor' trid tkun ibbazata fuq kriterji oggettivi sabiex diskriminazzjoni tkun tista' tigi accettata f' cirkostanzi ferm specjali (vide Selwyn u sentenzi hemm citati)

**<u>L-Art 27 tal-Kap 452</u>** - jistipula li impjegati fl-istess klassi ta' impjieg ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali.

Illi l-proviso tistipula illi principal u haddiem jew numru ta' haddiema b' rizultat ta' negozjati ghal ftehim kollettiv jistghu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, zidiet annwali u kondizzjonijiet ta' xoghol ohra differenti ghal haddiema li jkuu impjegati fi zminijiet differenti liema skala jkollhom massimu li jintlahaq wara zmien stabbilit.

Is-socjeta' intimata kienet suggett ta' riorganizzazzjoni u ristrutturar. Pero' l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu taht dan il-proviso. Tlett impjegati gew assimilati fil-grad tieghu bl-istess xoghol, doveri u mansjonijiet. Anzi ir-rikorrent kien aktar kwalifikat minnhom, pero' jithallas inqas. Il-fatt li jithallsu remunerazzjoni aktar mir-rikorrent ma giet bl-ebda mod spjegata u/jew gustifikata. Kulhadd kien jaf biha, jaqbel mieghu, ippruvaw jirrangawh pero bla ebda ezitu. Gustament ma ridiex tigi raddrizzata bhala 'allowance' ghax kienet taffetwalu l-pensjoni talvolta lilu dovuta vide - xhieda ta' Operations Manager, Financial Controller - Chief Executive Officer u Coordinator u r-rapprezentant tal-GWU.

Una volta li ma nghatax rimedju r-rikorrent kellu jirrikorri lejn dan it-Tribunal.

## Kumpens

Illi r-rikorrent jippretendi li l-kumpens talvolta dovut lilu ghandu jkun dak minnu prezentat fl-affidavit tieghu tad- disgha (9) ta' Marzu 2011 – riaffermat fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

Is-socjeta rikorrenti tissottometti fin-nota ta' oservazzjonijiet taghha li jekk talvolta ikun dovut xi hlas ta' kumpens, dana ghandu ikun ibbazat fuq principju ta' pagament 'ex gratia' u mhux marbut ma' xi telf ta' paga u/jew introjtu iehor.

Jinghad li l-Ftehim Kollettiv li tahtu kien jaqa' r-rikorrent kien datat erbgha u ghoxrin (24)  ta' April 2004. Il-ftehim il-gdid dahal in vigore fl- ewwel (1) ta' Frar 2010. Ir-rikorrent ressaq il-kaz tieghu fl- ghaxra (10) ta' Gunju 2006 cioe' erba (4) snin qabel. Il-ftehim il-gdid huwa 'ex post facto' ghal kaz dezamina. Oltre minn hekk qed jikkontempla il-hlas li ghalih ma sarx ix-xoghol relattiv tieghu sas-sena 2015 – vide par 36 (3) (4) tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

L-Art 81 (2) (c) tal-Kap 452, li ghandu japplika jistipula l-Art (30) (2) fil-kaz bhal dak in dezamina. F' kaz li t-Tribunal isib li l-ilment ikun gustifikat jista' jiehu kull mizura li tidher xierqa inkluz il-kancellament ta' kull kuntratt ta' servizz jew ta' kull klawsola fil-kuntratt jew ftehim kollettiv li tkun diskriminatorja u ghandu jordna l-hlas ta' kumpens ghat-telf u dannu li tkun sofriet il-parti aggravata bhala konsegwenza tal-ksur. Inoltre l-istess parti ghandha dritt ulterjuri ai termini tal-Art 30 (4) ghal kull azzjoni lilha spettanti.

Illi jigi ribadit li t-Tribunal; ma jistax jikkoncedi pagamenti 'ex gratia' izda ta' bilfors irid jordna l-hlas ta' kumpens biex jaghmel tajjeb ghal telf u dan talvolta konsegwenzjali. Dana jikkonsisti zgur fid-differenza tas-salarju u overtime. Peress illi dan il-kaz gie stitwit fil-ghaxra (10) ta' Mejju 2006, il-kumpens qed jinghata sa dik id-data, kalkolat a bazi tal-para 36 (1) (8) tan-nota ta' osservazzjonijiet. Salarju hames t'elef disgha mija u sbatax (€5917) u overtime ta' elfejn mija u sebgha u sittin Euro (€2167). Huma bazati fuq sentejn bejn il-ftehim kollettiv antik u l-prezentata ta' dawn il-proceduri skont id-differenza qabel id-dhul in vigore tal-ftehim kollettiv gdid.

Illi relattivament ghal perjodu sussegwenti ghad-data tal- ghaxra (10) ta' Mejju 2006,u per skorta tad-decizjoni tal-llum, is-socjeta intimata ghandha tirregola ruhha fuq hlas lir-rikorrent ta' dik is-somma bhala differenza sia fis-salarju u overtime kif mahduma aktar il-fuq ossia d-differenza skond it-termini tal-ftehim kolletiv antik mis-sebgha (7) ta' Lulju 2004 sal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2010 – qabel id-data tal-ftehim kollettiv, kif ukoll ai termini ukoll tal-ftehim kollettiv gdid.

Inoltre it-Tribunal jordna li tigi kancellata kull klawsola diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent esistenti fil-kuntratt ta' servizz u/jew ftehim kollettiv.

## Konkluzjoni

1. Illi t-Tribunal jiddeciedi li nholqot diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent meta ma nghatax id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni fl-istess klassi ta' haddiema ghal xoghol ta' valur ugwali.

2. Jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' tmien t' elef u erbgha u tmenin Euro (€8084) bhala kumpens ghad-danni u telf minnu soffert. Illi mhux il-prassi li jigu akkordati interni minn dan it-Tribunal.

3. Tordna lis-socjeta intimata sabiex fi zmien tlett xhur mill-lum tiehu il-passi kollha necessarji biex jirrimedja ghal tali diskriminazzjoni ukoll b' effett mill-hdax (11) ta' Mejju 2006 – data ta' prezentata tal-proceduri odjerni.

4. Tordna li kull klawsola diskriminatorja tigi emendata fil-kuntratt ta' impjieg u/jew ftehim kollettiv fil-konfront tar-rikorrent sabiex il-posizzjoni tieghu tkun regolarizzata.

Drittijiet qed jigu intaxxati s-somma ta' tmenin Euro (€80).

**Dr Joseph P Bonnici**
***Chairman.***

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**